**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 16.09.07: FESTA TAL-143 ANNIVERSARJU TAT-TWAQQIF TAD-DJOĊESI.**
Matul din il-Ġimgħa, il-Parroċċa flimkien mas-Soċjeta' tal-Musueum, qed torganizza il-Ġimgħa ta' Spiritwalita' bħala bidu għas-Sena tal-Pastorali fil-Parroċċa.

## ĠIMGĦA TA' SPIRITWALITA'

## PROGRAMM

## Mis-17 sal-21 ta' Settembru 2007

### TEMA ĠENERALI:

## " KUNU HBIEB TAL-VANGELU"

**IT-TNEJN, 17.09.07**: **Suġġett:** "Il-Kelma t'Alla fil-Familja"
**Jitkellem :** Is-Superjur Raymond Damato

**IT-TLIETA, 18.09.07: Suġġett: "**l-Kelma t'Alla fil-Liturġija"
**Jitkellem :** Is-Superjur Joe Fenech

**L-ERBGĦA, 19.09.07: Fis-7.00p.m.** quddiesa ta' ringrazzjmanet f'għeluq il-100 sena mit-twaqqif tal-MUSEUM. Din tkun fil-knisja.
Imexxi l-konċelebrazzjoni l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, li fiha jagħmel l-omelija dwar l-importanza tal-kelma ta' Alla.
Jieħu sehem il-grupp strumentali taż-Żgħażagħ.

**IL-ĦAMIS, 20.09.07:** Illum se ssir Adorazzjoni komunitarja fil-beraħ, u se tkun mibnija fuq it-talb li kien juża San Ġorġ Preca
**IL-ĠIMGĦA, 21.09.07: Festa ta' San Mattew Appostlu u Evanġelista.**
**Suġġett: "**Il-Kelma ta' Alla fil-Ħajja tagħna."
Din il-lezzjoni se tkun permezz ta' Feature interessanti mmexxi mill-membri tal-Museum.

**IS-SIBT, 22.09.07: SEMINAR PARROKKJALI.**
Illum se jsir is-Seminar Parrokkjali Annwali bi tħejjija għas-Sena tal-Pastorali fil-Parroċċa.
**Il-Ħin ikun fil-4.30p.m. u jkun fid-Dar tal-Parroċċa.**
Huma mistiedna, s-saċerdoti, il-membri tal-Kunsill Parrokkjali u tal-Kumitati tal-Pastorali, id-diriġenti ta' l-Għaqdiet Kattoliċi, l-Katekisti u l-Ministri straordinarji tat-Tqarbin.
F'Dan is-seminar se nagħtu ħarsa lejn dak li twettaq fil-parroċċa mill-Pjan tas-sena 2006/2007 u niddiskutu l-abbozz tal-Pjan Pastorali Parrokkjali għas-sena 2007 / 2008. Dawk mistiedna huma mitluba jattendu
**IL-ĦADD, 23.09.07: Il-25 Ħadd matul is-Sena.**

**IL-KUNSILL LOKALI** javża li ser terġa tigi organizzata t-Tilqima kontra l-Influwenza Vaccine b'xejn għall-persuni 'l fuq minn 55 sena. Kull min hu interessat huwa mitlub jinkiteb fl-Uffiċċju tal-Kunsill matul din il-gimgħa.

**ADORAZZJONI Għall-Persuni Kkonsagrati**
L-Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati, dan ix-xahar se ssir fil-parroċċa ta' l-Għarb, nhar is-Sibt 22 ta' Settembru. Ix-xarabank mill-parroċċa tagħna titlaq fis-7.00p.m. mioll-Pjazza tal-knisja.